

## Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura


Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja  
*Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017*

**#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu**

## NETWORK TA' UNIVERSITAJIET EWROPEJ.

### DAK LI JEŻISTI LLUM

**Mal-10 universitajiet mill-aqwa  
50 jinsabu fl-UE skont il-Klassifikazzjoni  
Dinjija tal-Universitajiet tal-2018.**



Sors:

- ▶ **Il-baġit tal-UE** jiffinanzja għadd żgħir ta' istituzzjonijiet Ewropej ta' edukazzjoni għolja li **joffru edukazzjoni dwar kwistjonijiet Ewropej**: l-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, il-Kulleġġ tal-Ewropa (ta' Bruges u ta' Natolin), l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika f'Maastricht, l-Akkademija tal-Liġi Ewropea fi Trier, is-Centre International de Formation Européenne (iċ-Ċentru Internazzjonali tat-Taħriġ Ewropew) f'Nizza u l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Edukattivi Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva f'Odense. L-Aġenzija bħala tali ma toffrix edukazzjoni dwar kwistjonijiet Ewropej, iżda ssegwi għan ta' interess Ewropew.
- ▶ **Kooperazzjoni bilaterali u multilaterali fost l-universitajiet** (bħall-Università Franko-Ġermaniża, l'Université de la Grande Région, l-Università Franko-Taljana) li ta' sikwit ikunu f'reġjuni fuq il-fruntiera.
- ▶ **Lawrji f'Master konġunti/doppji** permezz ta' **Erasmus Mundus**: programmi ta' studju mgħotija minn konsorzju internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa u lil hinn minnha.
- ▶ **U-Multirank**: għodda tat-tqabbil indipendenti rigward il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja madwar id-dinja (koperti 1 200 istituzzjoni).

### KISBIET EWLENIN SA ISSA

- ▶ **Il-programm Erasmus + iffinanzja aktar minn 600 sħubija strateġika fl-edukazzjoni għolja**. Mal-45 % tar-risultati kollha kienu jikkonsistu minn korsijiet/kurrikuli ġodda jew imtejba u minn materjal tat-tagħlim. Iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-proġetti ma jikkonsidrawx l-għoti konġunt tat-tagħlim.
- ▶ Sa mill-2004, **392 programm ta' Master mogħtija b'mod konġunt intgħażlu minn Erasmus Mundus u 21 500 borża ta' studju ngħataw lil studenti Ewropej**.

## SFIDI

Hemm **bosta ostakli amministrattivi u burokratiċi** għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li jkollhom attivitajiet edukattivi transfruntiera integrati bi sħiħ li jwasslu għal kwalifiki formali rikonoxxuti fl-Istati Membri tal-istituzzjonijiet sħab.

## X'JISTA' JSIR FIS-SENTEJN LI JMISS?

- ▶ Tiġi stabbilita **Skola ta' Governanza Ewropea u Transnazzjonali** bbażata fuq netwerk ma' istituzzjonijiet sħab bħall-Kulleġġ tal-Ewropa u l-École nationale d'administration u l-Hertie School of Governance, sabiex manigera minn organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili jitħarrġu dwar kwistjonijiet tal-UE.
- ▶ L-iżvilupp ulterjuri ta' **sħubijiet strateġiċi** bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġġla.
- ▶ **Appoġġ lil 200 programm ta' master ieħor ta' Erasmus Mundus** sabiex l-għadd totali ta' boroż ta' studju mogħtija jilħaq it-30 000 sal-2020.
- ▶ **Tiżdied il-viżibbiltà u l-użu tal-għodda U-Multirank** (l-Ikklassifikar multiplu tal-universitajiet) biex l-UE tiġi promossa bħala żona attraenti għall-istudji ta' edukazzjoni għolja.

## INIZJATTIVI POSSIBLI B'PERSPETTIVA GĦALL-2025

- ▶ **Il-ħolqien ta' netwerk ta' universitajiet Ewropej** sabiex il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tissaħħaħ u jkollha struttura (*l-ewwel pass: it-twaqqif ta' networks ta' universitajiet u t-twassil konġunt ta' programmi li fihom l-użu ta' għodda għat-tagħlim mill-bogħod; it-tieni pass: it-twaqqif ta' impriżi konġunti; it-tielet pass: it-twaqqif ta' istituzzjonijiet*).
- ▶ Jiġi offrut **statut Ewropew** lil networks stabbiliti sew li jippermetti finanzjament transfruntier mill-baġit tal-UE u sostenibbiltà fuq terminu twil.

*L-ambizzjoni politika jenħteġ li tiġi allinjata mal-mezzi ta' azzjoni u tiġi riflessa fid-diskussjonijiet futuri dwar il-finanzi tal-UE.*